

Emenda 68

Martin Schirdewan, Paloma López Bermejo, Javier Couso Permy, Dimitrios Papadimoulis, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, Stelios Kouloglou, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Xabier Benito Ziluaga, Helmut Scholz
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport**A8-0051/2018****Alain Lamassoure**

Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva
COM(2016)0683 – C8-0471/2016 – 2016/0336(CNS)

Proposta għal direttiva**Premessa 10***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(10) Il-formula għat-tqassim tal-bażi għat-taxxa konsolidata **għandha** tinkludi **tlit** fatturi mogħtija l-istess piż, jiġifieri x-xogħol, l-assi **u l-bejgħ**, skont id-destinazzjoni. Dawk il-fatturi mogħtija l-istess piż jenħtieġ li jirriflettu approċċ bilanċjat għad-distribuzzjoni tal-profitti taxxabli fost l-Istati Membri rilevanti u jenħtieġ li jiżguraw li l-profitti jiġu **intaxxati** fejn ikunu effettivament iggwadanjati. Għalhekk, il-fatturi tax-xogħol u l-assi jenħtieġ li jiġu allokat lill-Istat Membru fejn isir ix-xogħol jew fejn jinsabu l-assi, u b'hekk jagħtu piż xieraq lill-interessi tal-Istat Membru tal-orìġini, filwaqt li l-fattur tal-bejgħ jenħtieġ li jiġi allokat lill-Istat Membru tad-destinazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi. Sabiex jitqiesu d-differenzi fil-livelli tal-pagi madwar l-Unjoni u, b'hekk, tkun permessa distribuzzjoni ġusta tal-bażi għat-taxxa konsolidata, il-fattur tax-xogħol jenħtieġ li jinkludi kemm il-pagi kif ukoll l-għadd ta' impjegati (jiġifieri kull element jgħodd in-nofs). Min-naħa l-oħra, il-fattur tal-assi **għandu** jinkludi l-assi tanġibbli fissi **kollha, iżda mhux l-assi intanġibbli u finanzjarji, minħabba n-natura mobbli**

(10) **Jenħtieġ li** l-formula għat-tqassim tal-bażi għat-taxxa konsolidata tinkludi **erba'** fatturi mogħtija l-istess piż, jiġifieri x-xogħol, l-assi, **il-bejgħ**, skont id-destinazzjoni **u l-ġbir u l-użu tad-dejta personali tal-utenti ta' pjattaformi u servizzi online**. Dawk il-fatturi mogħtija l-istess piż jenħtieġ li jirriflettu approċċ bilanċjat għad-distribuzzjoni tal-profitti taxxabli fost l-Istati Membri rilevanti u jenħtieġ li jiżguraw li l-profitti jiġu **ntaxxati** fejn ikunu effettivament iggwadanjati. Għalhekk, il-fatturi tax-xogħol u l-assi jenħtieġ li jiġu allokat lill-Istat Membru fejn isir ix-xogħol jew fejn jinsabu l-assi, u b'hekk jagħtu piż xieraq lill-interessi tal-Istat Membru tal-orìġini, filwaqt li l-fattur tal-bejgħ jenħtieġ li jiġi allokat lill-Istat Membru tad-destinazzjoni tal-prodotti jew tas-servizzi. Sabiex jitqiesu d-differenzi fil-livelli tal-pagi madwar l-Unjoni u, b'hekk, tkun permessa distribuzzjoni ġusta tal-bażi għat-taxxa konsolidata, il-fattur tax-xogħol jenħtieġ li jinkludi kemm il-pagi kif ukoll l-għadd ta' impjegati (jiġifieri kull element jgħodd in-nofs). Min-naħa l-oħra, il-fattur tal-assi **jenħtieġ li** jinkludi **biss** l-assi tanġibbli

taghom u r-riskju li jirriżulta li r-regoli ta' din id-Direttiva jistgħu jiġu ċirkumvenzjonati. Meta, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, l-eżitu tat-tqassim ma jkunx jirrappreżenta b'mod ġust il-firxa ta' attività ta' negozju, klawżola ta' salvagwardja jenħtieġ li tipprevedi metodu alternattiv għall-allokazzjoni tal-introjt.

fissi. Meta, minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali, l-eżitu tat-tqassim ma jkunx jirrappreżenta b'mod ġust il-firxa ta' attività ta' negozju, klawżola ta' salvagwardja jenħtieġ li tipprevedi metodu alternattiv għall-allokazzjoni tal-introjt.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tidduplika l-Emenda 10 tal-Kumitat ECON kif adottata iżda terġa' ddaħħal il-kelma "fissi" wara assi tanġibbli.

7.3.2018

A8-0051/69

Emenda 69

Matt Carthy, Martin Schirdewan, Paloma López Bermejo, Javier Couso Permuy, Dimitrios Papadimoulis, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, Stelios Kouloglou, Martina Anderson, Liadh Ní Riada, Lynn Boylan, Miguel Urbán Crespo, Tania González Peñas, Estefanía Torres Martínez, Lola Sánchez Caldentey, Xabier Benito Ziluaga, Helmut Scholz

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0051/2018

Alain Lamassoure

Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva
COM(2016)0683 – C8-0471/2016 – 2016/0336(CNS)

Proposta għal direttiva

Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq minnufih valutazzjoni tal-impatt ġdida bbażata fuq ir-riżorsa tad-dejta l-aktar komprensiva u preċiża abbażi tar-rapportar pajjiż b'pajjiż standard tal-OECD li huwa issa disponibbli privatament għall-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri.

Or. en

7.3.2018

A8-0051/70

Emenda 70

Martin Schirdewan, Paloma López Bermejo, Javier Couso Permuy, Dimitrios Papadimoulis, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, Stelios Kouloglou, Helmut Scholz
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0051/2018

Alain Lamassoure

Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva
COM(2016)0683 – C8-0471/2016 – 2016/0336(CNS)

Proposta għal direttiva

Artikolu 28 – paragrafu 5c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5c. Id-definizzjoni tal-ġbir u l-użu tad-data personali għal skopijiet kummerċjali fil-kuntest tal-ġbir u l-użu tad-dejta personali tal-utenti ta' pjattaformi u servizzi online għandha tiġi determinata f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679.

(i) Il-ġbir tad-dejta għal kull Stat Membru jirreferi biss għad-dejta miġbura fil-punt tal-orijini tal-utenti ta' pjattaformi u servizzi online u mhux għad-dejta miġbura li tkun fi tranżitu jew maħżuna.

(ii) Meta jitqies l-użu tad-dejta personali tal-utenti ta' pjattaformi u servizzi online, għandu jiġi żgurat li ma jkunx hemm duplikazzjoni ta' fatturi oħrajn fil-formula, bħall-bejgħ.

Or. en